MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 468/2002/1

**Brian Cilia**

**vs**

**Hasna El Katfi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fid-9 ta' Dicembru 1999 mill-liema zwieg m'ghandhomx tfal.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diksrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet**.

Illi l-istess attru talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-attur datata 28 t’Ottubru 2002 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess, ta’ Rose Rogers u ta’ Jacqueline Dimech.

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 t’Ottubru 2002 fejn Dr. Anthony Ellul ghall-attur talab li n-notifika lill-konvenuta ssir skond l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12.** Il-Qorti laqghet it-talba b’dan li l-pubblikazzjoni ssir f’gazzetta lokali wahda u awtorizzat lill-attur jipprezenta l-affidavits tieghu fil-mori; u tal-5 ta’ Frar 2003.

Rat in-nota tal-attur datata 12 ta’ Frar 2003 li permezz taghha esebixxa estratt mill-gazzetta ta’ kuljum “The Malta Independent” tal-1 ta’ Frar 2003 ghall-finijiet ta’ notifika.

Rat ukoll kopja ta’ estratt mill-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta Nru. 17,371 tal-Gimgha 7 ta’ Marzu 2003 ghall-finijiet ta’ notifika.

Rat il-verbal tas-26 ta' Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 27 ta' Novembru 2003.

Rat li minkejja li giet notifikata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni baqghet ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur **Brian Cilia** permezz tal-affidavit tieghu sostna illi:-

*"Niddikjara li fid-9 ta' Dicembru 1999 jiena zzewwigt lil Hasna El Katfi.*

*F'dak il-perjodu jiena kont 'homeless' u ma kellix impjieg. Kont f'qaghda finanzjarja hazina ferm. Fil-fatt kont niddobba l-ikel mill-karita' tan-nies. Darba minnhom habib tieghi, certu Mohammed, laqqaghni ma' tfajla Marokkina, li sirt naf li hija Hasna El Katfi.*

*Ahna konna sirna hbieb u Hasna bdiet tghini billi tixtrili xi bzonnijiet tieghi.*

*Xi ftit gimghat wara li sirna hbieb Hasna kienet qaltli li kellha problema mad-Dipartiment tal-Immigrazzjoni. Dan id-Dipartiment ma riedx igeddilha l-viza, u hija ma xtaqitx li tmur lura lejn pajjizha. Nammetti li anke jiena ma xtaqthiex titlaq peress li kont qed insibha komda li tghini fl-ispejjez li kelli.*

*Hija kienet talbitni biex naghmillha pjacir u nizzewgu u b'hekk tkun tista' tibqa' tghix hawn Malta. Jiena kont ghadni mohh ir-rih u accettajt mill-ewwel li nizzewgu. Ghalija dak iz-zwieg ma kien ifisser xejn, sempliciment*

*bicca karta. Ahna konna ftehemna li lanqas biss nghixu flimkien. Sempliciment accettajt li naghmillha pjacir.*

*Ghalhekk ftit xhur wara li ltqajna l-ewwel darba jiena u Hasna spiccajna mizzewgin. Hi baqghet tghix Bugibba filwaqt li jiena bqajt noqghod ir-Rabat. Hadd ma kien jaf b'dan iz-zwieg, inkluz il-familjari tieghi, hlief tliet ihbieb tieghi, Robert Borg u hutu Rose Rogers u Jacqueline Dimech. Dawn kienu jghinuni wkoll bil-flus u ghalhekk kont niftah qalbi maghhom.*

*Dakinhar li zzewwigt kien jum bhall-ohrajn ghalija. Bhala xhud kelli lil Robert, filwaqt li Hasna gabet persuna ta' nazzjonalita' Gharbija li ma kontx nafha. Hasna da parti taghha ezatt wara z-zwieg qatghet il-kuntatt minn mieghi. Fil-fatt wara li hrigna mir-Registru taz-Zwieg jiena ma rajthiex izjed b'ghajnejja. Nikkonferma li z-zwieg taghna ma giex ikkunsmat.*

*Wara ftit zmien jiena sibt impjieg u rabbejt l-ghaqal. Fil-fatt illum-il gurnata jiena gharus bil-hsieb ta' zwieg. Sal-lum hadd mill-familjari u mill-hbieb tieghi, hlief l-gharusa u l-persuni li semmejt aktar 'il fuq ma jafu b'dan iz-zwieg".*

Illi gie pprezentat ukoll l-affidavit ta' **Rose Rogers** fejn xehet illi:-

*"Jiena u huti Jacqueline Dimech u Robert Borg ili habiba ta' Brian Cilia ghal dawn l-ahhar snin.*

*Brian ghamel perjodu fejn kien 'homeless', kif ukoll ma kellux impjieg. Huwa kellu problema finanzjarja kbira tant li jiena u huti ta' spiss konna nghinuh fil-flus, nitimghuh u xi drabi ospitajnih ghandna wkoll.*

*Xi tliet snin ilu, Brian laqqaghna ma' habiba tieghu, certa Hasna El Katfi. Huwa qalilna li Hasna kienet qeghda tixtrilu xi ikel u hwejjeg.*

*Darba minnhom Brian qalilna li kien ser jizzewweg lil Hasna. Ahna bqajna skantati ferm peress li konna nafu li Brian lanqas biss ma kien qed johrog maghha, ahseb u*

*ara, ma kellu hsieb li jizzewweg. Meta staqsejnih ghalxiex kien ser jizzewweg, huwa qalilna li Hasna kellha problema mad-Dipartiment tal-Immigrazzjoni u li hu ma xtaqhiex titlaq minn Malta.*

*Niftakar qisu l-bierah li jiena ppruvajt nispjegalu li din ma kienetx raguni valida biex tizzewweg lil xi hadd, pero' Brian lanqas biss kien qed jaghti kaz dak li kont nghidlu. Nifhem li Hasna kienet qed tghinu lil Brian u minhabba f'hekk huwa ma xtaqhiex titlaq, pero' Brian assolutament ma kienx qed jifhem l-importanza ta' dan il-pass. Huwa sempliciment kien qalli "din mhux bicca karta biss!"*

*Naf li Brian ma kien qal lil hadd b'dan iz-zwieg, hlief lili u lil huti. Naf ukoll li sal-lum, il-familjari ta' Brian ghadhom ma jafux b'dan iz-zwieg".*

Illi **Jacqueline Dimech** min-naha taghha fl-affidavit taghha sostniet illi:-

*"Jiena u huti Rose u Robert, ilna snin shah hbieb ta' Brian Cilia.*

*Brian ghadda minn diffikultajiet kbar meta kien ghadu zghir tant li huwa ghamel perjodu jorqod barra u jiekol bil-karita'. Peress li konna nafu minn x'hiex ghaddej jiena u huti dejjem ippruvajna nghinu lil Brian.*

*Darba minnhom Brian kien ipprezentalna habiba tieghu, certu Hasna. Ahna sirna nafu li Hasna kienet qed tghin lil Brian kif konna qed naghmlu ahna. Hija kienet tixtrilu l-ikel u l-hwejjeg.*

*Xi ftit gimghat wara li laqqaghna ma' Hasna, Brian qalilna li kien ser jizzewwigha peress li kellha problema mad-Dipartiment tal-Immigrazzjoni. Niftakar li ohti Rose ghamlitlu xenata kbira u qaltlu li z-zwieg huwa xi haga serja u ma setghax jizzewweg bi pjacir. Brian lanqas biss beda jaghti kaz dak li kienet qed tghidlu ohti. Hu kien determinat li jizzewwigha ghax qal li ma riedx jitlifha. Jidher li Brian ma riedx jitlef l-ghajnuna li kienet qed tghaddilu, aktar milli ma riedx jitlef lilha. Minhabba l-krizi li*

*kien ghaddej minnha dak iz-zmien jiena napprezza d-decizjoni li ha Brian. Fuq kollox hu kien qed jirraguna li dinhina "bicca karta biss" u ma kellu l-ebda ntenzjoni li jerfa' r-responsabbilitajiet li jgib mieghu zwieg.*

*Wara z-zwieg naf li Brian ma marx joqghod ma' Hasna u baqa' jghix barra ghal xi perjodu sakemm sab impjieg u beda johrog ma' l-gharusa li ghandu llum. Naf li sal-llum il-familja ta' Brian ghadhom ma jafux b'dan iz-zwieg".*

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnu, l-attur qieghed jitlob illi z-zwieg li gie celebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett, peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha **(artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta),** u peress illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb fl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga (**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta).** Illi huwa veru li l-attur issemmi l-**artikolu 19 (1) (g)** ukoll pero' jidher li dan huwa zball tipografiku u allura din il-Qorti ma hijiex ser tidhol fuq dan l-artikolu.

Illi min-naha l-ohra s-subincizi ta' l-**artikolu 19 (1)** ta' l-**Att XXXVII ta' l-1975,** li ghalihom qed jirreferi l-attur, jipprovdu li zwieg ikun null:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bleskluzjoni pozittiva taz-zwieg inifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewa, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta il-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga u fil-fatt jista' jinghad li l-istess partijiet abbuzaw b'mod lampanti minn din l-istituzzjoni anke sforz ic-cirkostanzi li huma sabu ruhhom fihom u fil-fatt kif ser jinghad aktar 'il quddiem dan ma kienx xejn izjed hlief zwieg ta' konvenjenza tant li l-partijiet lanqas biss qatt ma ghexu flimkien wara l-istess zwieg, u l-istess qatt ma kien kkonsmat.

Illi ntant ghar-rigward l-**artikolu 19 (1) (d)** inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly*.

*Psychic disorders which give rise to a de4fect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity ……"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in "*****L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are*

*relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) **"Suzanne sive Sue Rossi vs Benjamin sive Benny Bugeja** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002; **"Joseph Farrugia vs Marthese Fsadni"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) u ohrajn u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi skond il-gurisprudenza nostrali gew konsiderati dawk l-elementi li ghandhom jigu kkunsidrati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossolubilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef'*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim'

Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et”** (P.A. (NA) 14 ta’ Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*“kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilta’ tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta’ u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta’ l-ulied”*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **“Aquilina vs Aquilina”** (P.A. (NA) 30 ta’ Jannar 1991) u fis-sentenza **“Grech vs Grech”** (P.A. (NA) 9 ta’ Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*“consortium vitae”* tikkomprendi zewg elementi u cioe’ l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **“Magri vs Magri”** (14 ta’ Lulju 1994):-

*“Jekk din il-“consortium vitae” hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-“consortium vitae” tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta’ tal-familja.”*

Illi fil-fatt l-element ta’ l-indossolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta’ u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresupponi *‘iuris tantum’* dan l-element ta’ ndossolubilta’ fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *“indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power”.*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, “**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary”.** pg.151) jghid li

*"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ghalhekk minn hawnhekk jirrizulta li l-ligi qeghda titkellem fuq simulazzjoni kemm dik totali u kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali:-

(i) Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. F' **"Cali vs Dr. Albert Grech nomine"** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi "*jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostiwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali".*

(ii) Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija tat-tfal, jew eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra.  Fis-sentenza **"Abdel**

**Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et.”** (P.A. 14 ta’ Lulju 1994) insibu elenku ta’ elementi essenzjali taz-zwieg li jinkludu “*komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilta’ tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta’ u d-dritt ghall-prokreazzjoni tal-ulied”.*

Illi meta wiehed qieghed jirreferi ghall-*komunjoni tal-hajja konjugali* ossija *‘consortium vitae’* dan l-element essenzjali gie meqjus fis-sentenza **“Magri vs Magri”** (P.A. 14 ta’ Lulju 1994) bhala jikkomprendi l-imhabba konjugali u r-responsabbilta’ tal-familja u cjoe’ rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda mibnija fuq il-fedelta` u l-formazzjoni tal-familja.

Illi f’diversi sentenzi jinghad illi dan is-subinciz ma’ jirrikjedix necessarjament illi l-eskluzjoni pozittiva tirrizulta minn xi haga espressa direttament izda tista’ tigi espressa mill-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu ta’ qabel jew wara li jkun inkiseb il-kunsens (vide **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (RCP) 31 ta’ Mejju 2000); “**Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli**” (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000).

Illi fis-sentenza “**Haidan vs Haidan**” (P.A. 7 ta’ Lulju 1994) jinghad illi *“Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita’ tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq ‘a partnership for life’.”*

Illi hawn il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-10 ta’ Marzu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **“Pauline Ahmed nee’ Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed”** (P.A. (VDG) Citaz. Numru 171/95 VDG), fejn din Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista ***Francesco Bersini*** li jispjega:-

*“Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta’ lo stesso matrimonio, che per lui e’ una pura formalita’ vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta’, almeno implicito,*

*lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc … L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere i miraggi di un vantaggio economico …."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114).

Illi huwa sintomatiku wkoll li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja' Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica mart Farhat Ben Mohammed Bouchhioua nee' Cernigliaro vs. Farhat Ben Mohammed Bouchhiuoua."** (P.A. (RCP) tal-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut (jew il-konvenuta bhal dan il-kaz) jakkwista c-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan jaqa' taht id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## <u>(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta , li kif gja' accennat ghalih din il-Qorti dan ma kien xejn hlief zwieg ta' konvenjenza, u l-Qorti pproduciet ix-xhieda prodotta f'din il-kawza *in estenso* sabiex wiehed ikun jista' liberalment jara kif certu persuni, inkluzi l-partijiet odjerni, u dan qed jinghad b'dispjacir kbir mill-Qorti, qed jidhlu ghal dan l-istitut serju taz-zwieg, mhux biss bla preparamenti ta' xejn, izda dak li huwa aktar gravi, qed litteralment juzaw l-istituzzjoni

nobbli taz-zwieg ghall-iskopijiet egoistici taghhom, b’abbuz tal-mezzi kollha tal-Istat sabiex jiehdu dan l-istatus fil-hajja taghhom ghal skopijiet ghal kollox aljeni ghall-istess kuncett ta’ zwieg. Sfortunatament dan ma huwiex kaz izolat fejn iz-zwieg civili qed jigi abbuzat b’dan il-mod u dan huwa manifestat min-numru ta’ sentenzi li nghataw fuq kazijiet simili ta’ zwieg ta’ konvenjenza li inghataw mill-Qrati taghna inkluzi dik kif hekk kostitwita.

Illi ntant ghall-fatti tal-kaz *de quo* jirrizulta li l-attur izzewweg lill-konvenuta, li hija Marokkina, ghaliex din talbitu biex jizzewwigha sabiex hija tkun tista’ tghix hawn Malta, u l-attur accetta ghaliex dak iz-zmien ma kellux fejn joqghod u peress li l-konvenuta kienet tghinu finanzjarjament huwa kien lest li jaghmilha dan il-*‘pjacir’.* Dan meta l-istess attur kien konxju tal-fatt li huma ma kienu jhossu xejn lejn xulxin u qatt ma kienu ser jghixu flimkien, kif fil-fatt gara, ghaliex wara l-istess funzjoni formali fir-registru huma qatt ma ghexu flimkien u ftit jew xejn ma kkomunikaw flimkien.

Illi jidher car li l-attur f’dan il-perjodu tal-hajja tieghu kien f’pozizzjoni difficli *stante* li lanqas kellhu saqaf fuq rasu u certament allura li l-kunsens tieghu qatt ma seta’ kien liberu ghaliex certament kien qed jaqbad ma’ kollox sabiex litteralment jghix, u allura dak li kienet qed ittih l-konvenuta bhala ghajnuna anke finanzjarja, kien f’dak il-mument tal-hajja tieghu vitali ghalih.   Allura huwa haseb li b’dan il-pass huwa jkun jista’ jkompli javvantaggja ruhu mill-istess, dejjem konxju tal-fatt li l-kunsens tal-konvenuta kien moghti bl-iskop uniku li hija tkun tista’ tghix hawn Malta u ghal xejn izjed.

Illi minn dan isegwi wkoll li apparti dak premess il-kunsens tal-partijiet ghall dan iz-zwieg kien ukoll totalment simulat, ghaliex l-istess partijiet u hadd minnhom qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix ta’ persuna mizzewga mal-parti l-ohra rispettiva, u tant huwa minnu dan li dwar l-affarijiet kemm materjali lanqas biss taw kaz, kif lanqas taw kaz ghall-affarijiet l-ohra kollha nkluzi dawk emozjonali, li in verita’ lanqas biss kienu qatt jezistu; fil-fatt dwar dan iz-zwieg l-istess attur ma qal lil hadd b’xejn hlief xi hbieb tieghu li

xehdu f'din il-kawza, li ghalkemm ippruvat jiddiswaduh milli jaghmel dan il-pass, huwa xorta webbes rasu u ghamel li ried, u ghalhekk huwa kien ukoll responsabbli ghal din is-simulazzjoni totali tal-istess zwieg civili.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat fid-9 ta' Dicembru 1999 bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------